**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 39**

15 ta' Settembru 2021

Id-disgħa u tletin (39) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 15 ta' Settembru 2021 fis-1.30pm. Il-laqgħa nżammet b'mod virtwali minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Muscat Aġent Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 39.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

39.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 39.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

39.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tmienja u tletin (38) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

39.2.2. Il-Kunsillier AD ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:'

Favur: 5 (AD, JAE, DSH, VB, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

39.2.3. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 38.9.1.2 u staqsa jekk kienux ġew assenjati d-dekasteri lill-Kunsillier AD. Is-Sindku qalet li sa dakinhar kienu għadhom ma ġewx assenjati u qalet li l-materja għandha tittella' fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

39.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 38.5.1.1 u staqsa jekk kienx hemm żvilupp fuq il-kwistjoni tal-arblu. Is-Sindku wieġbet li sa dakinhar ma kienx għad hemm żvilupp dwar dan.

39.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 38.5.3 u staqsa jekk kienx hemm risposta fuq is-sitwazzjoni fi Pjazza Sant'Anna, ħdejn il-funtana tal-iljun. Is-Sindku wieġbet li sa dakinhar ma kienx hemm żviluppi. Il-Kunsillier JAE qal li r-residenti kienu avviċinawh li kienu qed jiddejqu bir-riħa ta' drenaġġ li kien qed ikun hemm u rraportaw li kienu anke qed jaraw ġrieden. Il-Kunsillier AD qal li għandu jitkellem mal-Water Services Corporation sabiex jara x'inhi s-sitwazzjoni.

### 39.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

39.3.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Partit Nazzjonalista dwar l-attivitajiet li ser jorganizzaw fuq il-Fosos matul ix-xahar ta' Settembru. Il-Kunsill innota dan.

39.3.2. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Fsobians Club fejn stiednu rappreżentant tal-Kunsill sabiex jattendi għall-premjazzjoni tat-Tonna Trophy. Il-Kunsill qabel li għandu jattendi l-Viċi Sindku VB.

39.3.3. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Police Officers Union, fejn talbu lill-Kunsill jikkunsidra eżenzjoni fl-iskema ta' parkeġġ residenzjali lill-uffiċjali tal-Pulizija stazzjonati ġewwa l-Police Headquarters. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx mat-talba iżda qabel li għandu jiltaqa' magħhom sabiex jiġu diskussi l-alternattivi li jeżistu.

39.3.4. Is-Sindku DSH informat li l-applikazzjoni tal-Kunsill għar-restawr tal-monument kienet ġiet milqugħa. Il-Kunsill innota dan b'sodisfazzjon.

39.3.5. Is-Sindku DSH ressqet komunikazzjoni mill-AKL rigward il-President's Fun Run fejn talbu lill-kunsilli jieħdu ħsieb ir-reġistrazzjoni tal-parteċipanti, jiġbru d-donazzjonijiet u jqassmu l-flokkijiet. Huma talbu wkoll lil kull kunsill jidentifika rotta li tista' tintuża matul il-Presidents Fun Run ta' dik is-sena. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel mal-komunikat u identifika rotta li tista' tintuża għal din l-edizzjoni.

## 39.4 RAPPORTI

39.4.1. Il-Viċi Sindku VB ressaq rapport dwar il-laqgħa li attenda miżmuma mir-Reġjun Xlokk. Huwa qal li l-Kunsill għandu jirċievi xi flus lura taħt l-iskema ta' attivitajiet kulturali. Huwa nforma wkoll dwar ħaddiema li ġew mislufa lill-Kunsill sabiex iwettqu xi xogħolijiet madwar il-lokalità. Il-Viċi Sindku VB informa wkoll dwar ftehim li ġie ffirmat mal-Public Works fejn il-kunsilli issa setgħu jistgħu jibbenefikaw minn assistenza ulterjuri.

38.4.1.1. Is-Sindku DSH talbet lill-Viċi Sindku sabiex jitlob lill-President tar-Reġjun Xlokk jipprovdi xi ħaddiema oħra sabiex ikunu jistgħu jitkomplew xi xogħolijiet. Il-Viċi Sindku innota dan iżda qal li l-ħaddiema li hemm preżentement kienu diġà ġew assenjati f'lokalitajiet oħra. Minkejja dan huwa qal li ser jitkellem mal-President tar-Reġjun Xlokk dwar dan.

39.4.2. Il-Viċi Sindku VB informa li kien attenda wkoll għal laqgħa mal-AKL fejn informa bl-eżerċizzju li kien se jsir fuq il-ħamiem. Huwa qal li kienet ser tinżamm laqgħa ma' kull kunsill sabiex tiġi spjegata sew il-proċedura.

39.4.3. Il-Viċi Sindku VB qal li kellu wkoll laqgħa mal-Policy Advisor tal-ERA fejn ressaq is-suġġeriment li jsir xi turf fejn hemm il-ħamrija esposta. Huwa qal li kienu ser jara x'sjista' jsir dwar dan.

38.4.3.1. Il-Viċi Sindku VB qal li kienu ġew diskussi wkoll il-proġett tal-ġnien taħt il-loġoġ kif ukoll iż-żona ta' fejn hemm is-siġar ħdejn id-daħla tal-iSptar Sir Paul Boffa.

39.4.4. Il-Viċi Sindku VB qal li kienet inżammet laqgħa mal-MTA fejn informaw li għall-attivitajiet li jmiss, kienu ser iżommu l-istess proċedura ta' dħul bħalma kien fil-kunċert tal-Isle of MTV u dan biex ikunu konformi mar-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

38.4.4.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk din il-proċedura tapplikax biss għall-kunċert tal-Ġimgħa jew jekk hux għall-kunċerti kollha. Il-Viċi Sindku VB qal li din il-proċedura għandha tapplika għall-kunċerti kollha.

39.4.5. Is-Sindku DSH ressqet ilment mingħand residenti li kien hemm Parker li kien qed jitma' l-ħamiem. Hija qalet li kienet kellmitu hi stess u jidher li l-problema xi ftit jew wisq naqset u ttitama li din is-solviet b'mod amikevoli.

39.4.6. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk tistax tiżdied ir-ronda tal-kennies ħdejn iż-żona ta' maġenb l-iSptar Sir Paul Boffa.

38.4.6.1. Is-Sindku qalet li minħabba xi nuqqasijiet innotati fis-servizz li qed jingħata, hi kienet talbet laqgħa mal-kuntrattur tat-tindif tat-toroq li kellha tinżamm ftit qabel il-laqgħa iżda sfortunatament dan kien informaha li ma kienx ser jilħaq jasal. Hija qalet li kienet talbitu sabiex jagħtiha data oħra b'mod immedjat u l-laqgħa għalhekk ġiet posposta għal nhar il-Erbgħa 22 ta' Settembru fil-11am. Hija qalet li sakemm jiġu diskussi n-nuqqasijiet kuntrattwali, kienet qed tipproponi li jinżamm il-pagament tat-tindif tat-toroq li hemm propost fl-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsill qabel.

## 39.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

39.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk tistax issir żabra tas-siġar li hemm ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jitkellem mal-ELC dwar dan sabiex jara jekk hemmx xi restrizzjonijiet dwar meta jistgħu jinżabru. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir iż-żabra tas-siġar tal-ġonna taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

39.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar it-tabelli u l-isleeping policemen fi Triq il-Kapuċċini u Triq San Franġisk. L-ASE informa li t-tabelli kienu waslu u li għandhom jitwaħħlu sal-aħħar ta' dik il-ġimgħa.

39.5.3. Il-Kunsillier AD staqsa jekk l-iskema tal-irranġar tal-gallarija kienitx ġiet estiża għal-lokalità tal-Floriana. Is-Sindku, kif ukoll il-Kunsillier JAE, wieġbu li jidher li din l-iskema ma kienitx ġiet estiża għall-Floriana.

39.5.4. Il-Kunsillier AD għamel riferenza għall-materja tal-parkeġġ li ssemmiet fl-aħħar laqgħa. Huwa offra lill-Viċi Sindku l-għajnuna tiegħu f'każ li jkun hemm bżonn.

39.5.5. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm żvilupp dwar is-sinjali fi Triq San Tumas. L-ASE informa li l-istop sign kienet twaħħlet iżda s-sinjali tal-art kienu għadhom ma sarux minħabba li l-Kunsill ma kellux id-daqs tal-istencils neċessarju. L-ASE qal li għandu jiċċekkja fuq id-daqsijiet differenti li jeżistu.

39.5.6. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienux inżebgħu is-sinjali ta' mal-art fi Ġnien Vilhena. Is-Sindku wieġbet li hi kienet talbet lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jirrinfriskaw is-sinjali tat-toroq kollha ta' madwar il-lokalità.

39.5.7. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar it-tabelli tal-qtates li kienet pproponiet. Is-Sindku informat li t-tabelli tal-qtates kienu waslu u kellhom jitwaħħlu dalwaqt.

39.6 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI**

39.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

39.7 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

39.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 28/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

39.7.2. Il-Kunsillier JAE informa li kien ser jastjeni minn pagament nru 28 minħabba konflitt t'interess.

38.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

39.7.3. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda tal-petty cash sabiex tiġi approvata.

38.7.3.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti tal-Petty Cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

39.8 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TAR-RABA' KWART TAS-SENA 2020**

39.8.1. L-ASE ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju tar-raba' kwart.

39.8.2. Ir-rapport finanzjarju tar-raba' kwart ġie approvat b'mod unanimu.

39.9 **LAQGĦA MAN-NURSERY**

39.9.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li wara laqgħa li nżammet mal-Floriana Nursery kienu urew ix-xewqa li jkun hemm iktar koordinament bejnhom u bejn il-Kunsill. Huma talbu lill-Kunsill jikkunsidra li jiġu installati xi dwal kif ukoll ħamsa u għoxrin bollard tal-plastic fil-passaġġ li jagħti għall-Floriana Nursery għas-sigurtà.

39.9.2. L-ASE ġibed l-attenzjoni li dawn il-bollards kienu ser jiswew ammont sostanzjali ta' flus.

39.9.3. Il-Kunsillier AD ippropona li minflok isiru ammont inqas ta' bollards b'katina bejniethom u dan sabiex xorta waħda jkun hemm is-sigurtà neċessarja.

39.9.4. Il-Kunsillier JAE ippropona li l-Kunsill jitlob l-għajnuna lis-segretarjat ta' Clifton Grima. Is-Sindku qalet li milli jidher din l-għajnuna kienet diġà ntalbet mill-Floriana Nursery.

39.9.5. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-prinċipju u qabel li għandu jesplora alternattivi li jkunu irħas u li jkunu jistgħu jiġu installati sal-ftuħ uffiċjali tal-istaġun.

## 39.10 Punti mqajjma mil-attivitajiet

39.10.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li sa dakinhar kienet inżammet attività waħda biss u jidher li ma kienx hemm ħafna ilmenti.

39.10.2. Is-Sindku qalet li għall-kunċerti li ġejjin, jidher li l-MTA kienu laħqu ftehim mal-Arċipriet sabiex tinxtegħel il-faċċata tal-knisja.

## 39.11 Attività tal-Milied u dwal tal-Milied

39.11.1. Is-Sindku nformat li kienet inżammet laqgħa mal-kuntrattur dwar id-dawl tal-Milied. Hija qalet li għal din is-sena, kienu ġew proposti xi disinji differenti u uriet xi wħud mid-disinji.

39.11.2. Is-Sindku uriet ukoll siġra li pproponiet li tiġi installata ħdejn il-monument ta' Vilhena jew ħdejn il-monument tal-Brigata.

39.11.3. Il-Kunsillier JAE qal li ħdejn il-monument tal-Brigata ma kienux ser jarawha daqshekk nies filwaqt li ħdejn il-monument ta' Vilhena, kienet ser tkun iktar esposta għall-pubbliku. Il-Kunsill qabel li jkun aħjar li tiġi installata ħdejn il-monument ta' Vilhena, bil-kundizzjoni li ma jintmissux il-Fosos ta' Pjazza Papa Ġwanni.

39.11.4. Il-Kunsillier JAE ippropona li minflok, jiġu installati xi stilel quddiem il-monument tal-Brigata.

39.11.5. Is-Sindku qalet li kienet ser tkellem lill-Arċipriet sabiex tara jekk xtaqux jipparteċipaw min-naħa tal-Knisja u jarmaw xi ħaġa ħdejn il-fosos fi Pjazza Robert Samut.

39.11.6. Is-Sindku qalet li l-kuntrattur kien ippropona li ssir xi stilla u fairy lights fis-side streets sabiex ikomplu ma' Triq Sant'Anna. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

39.11.7. Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill jorganizza attività żgħira għal żmien il-Milied fejn isir xi kant ta' Christmas Carols fit-toroq. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-kumpanija sabiex jara hux interessati u jerġa' jiddiskuti l-attività.

## 39.12 Ftuħ tal-iskola

39.12.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi pproponiet li bħalma jsir ta' kull sena, jinxtraw sett kotba ta' Ktieb Teżor għall-istudenti tal-ewwel sena. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

39.12.2. Is-Sindku nformat ukoll li kienu waslu l-maskri li ser jiġu rimborsati mir-Reġjun Xlokk. Hija qalet li dawn għandhom jitqassmu lill-istudenti tal-iskola primarja kollha.

39.13 **TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

39.13.1. Il-laqgħa intemmet fit-15.00 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 t'Ottubru 2021 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum ____________________________________**

**(iffirmati)**

Davina Sammut Hili
Sindku

**(iffirmati)**

Malcolm Agius Muscat
Aġent Segretarju Eżekuttiv